**FIT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Avv. Dr Christopher Chircop**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 9 ta' Ġunju 2025**

Talba Numru: 256/2023 CC

**Michael Borg (KI 0380267 M)]]**

**Vs**

**Alsous Limited [C 90976]**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fit-23 ta' Lulju 2023, fejn l-attur talab lil dan it-Tribunal jikkundanna li l-konvenuta tkun ikkundannata li tħallsu l-ammont ta' ħames t'elef ewro (€5000) rappreżentanti f'parti minnhom spejjeż li l-attur nefaq sabiex jiġi mibdul xogħol ħażin li kien sarlu mill-konvenuta u f'parti minnhom rifużjoni tal-ħlas li huwa kien diġa għamel lis-soċjeta' konvenuta għal xogħol li ma sarx skond l-arti u s-sengħa.

Ra li fit-22 ta' Jannar 2025, dan it-Tribunal laqa' t-talba tal-attur u ordna l-isfilz tar-risposta tal-konvenuta.

Ra li l-attur iddikjara li m'għandhomx aktar provi xi jressaq u ddikjara il-provi bħala magħluqa.

Ra u semgħa x-xhieda.

Ikkunsidra l-provi dokumentarji kollha.

Ra l-atti proċesswali kollha.

Ra u semgħa t-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Ra li t-Talba tħalliet għas-sentenza.

**Ikkunsidra**

Illi in sostenn tat-talba tiegħu kontra l-konvenuta, l-attur ressaq is-segwenti provi:

1. **Ix-xhieda tal-attur Michael Borg** fejn huwa sostna li f'Ġunju 2021 huwa kien iddeċieda li jagħmel it-terazzin bil-madum u kien inkariga lil Alsous Ltd sabiex tagħmel dan ix-xogħol tal-madum wara li qablu fuq il-prezz ta' elfejn u mitejn ewro (€2,200).

   Waqt li kien għaddej ix-xogħol, l-attur ġibed l-attenzjoni li l-madum ma kienx qiegħed jiġi mpoġġi tajjeb, iżda ġie injorat għax il-ħaddiema sostnew miegħu li l-madum kien qiegħed jitpoġġa tajjeb. Ix-xhud sostna wkoll li l-ħitan imlewhomlu bil-grouting.

   Wara li tlesta x-xogħol, l-attur beda jinsisti li x-xogħol ma sarx skond l-arti u s-sengħa u meta ħaddiema tal-konvenuta marru jaraw x-xogħol sostnew miegħu li kien hemm xi affarijiet żgħar li kellhom jittranġaw. Minkejja li ppruvaw jirranġaw il-madum, l-istess madum xorta waħda baqa' impoġġi mhux tajjeb.

L-attur iddikjara li ta' dak ix-xogħol huwa kien diġà ħallas cash lil konvenuta l-ammont ta' elf u tmien mitt ewro (€1,800), iżda minkejja li talab irċevuta' huwa baqa ma ngħatax irċevuta tal-ħlas li kien għamel. Huwa anke għamel rapport mal-pulizija rigward dan il-fatt.

Ix-xhud ippreżenta rapport tal-Perit Sergio Degabriele, fejn fl-istess rapport il-Perit Degabriele kkonferma li x-xogħol ma kienx sar skond l-arti u s-sengħa u konsegwentament il-madum ma kienx impoġġi tajjeb.

Ix-xhud ippreżenta fost l-oħrajn diversi ritratti tal-madum kif kien ġie mpoġġi.

Ix-xhud sostna li huwa kellu jinkariga kumpanija oħra sabiex jerġgħu jagħmlu x-xogħol mill-ġdid u ppreżenta wkoll prospett li jindika li l-ammont li huwa nefaq sabiex reġsa ar ix-xogħol mill-ġdid huwa dak ta' tlett elef, mitejn u ħamsa u tletin ewro u ħdax il-ċenteżmi (€3,235.11c), filwaqt li kif kien diġà indika fix-xhieda tiegħu huwa kien diġà ħallas l-ammont ta' elf u tmien mitt ewro (€1,800) lil konvenuta. L-attur apparti l-prospett ippreżenta' wkoll diversi rċevuti fiskali.

2. **Il-Perit Sergio Degabriele** kkonferma li r-rapport mmarkat bħala DOK.MB1 kien sar minnu. Sostna li huwa kien mar fuq il-post lejn l-aħħar ta' Ġunju 2021 u jista jikkonferma li x-xogħol ma kienx sar skond l-arti u s-sengħa. Huwa sostna li huwa kien ta' l-parir lill-attur li x-xogħol irid isir mill-ġdid għaliex għalih ix-xogħol ma kienx aċċettabbli. Kien hemm diversi difetti bħal grouting li kien qed jinqala, madum mhux mqiegħed invell, corner profiles mhux maqtugħin puliti u mhux imwaħħlin sew. Kien hemm madum li kien qiegħed itaptap għax ma kellux bażi sew, grouting mċaflas għax ma ġiex mimsus u anke l-fili ma kienux qegħdin jaqblu.

3. **Matthew Borg** sostna li missieru Michael Borg kien inkariga lil Alsous Ltd sabiex jagħmlu xi xogħol ta' madum. Il-ħaddiema kollha kienu mqabbdin minn Alsous Ltd u missieru kellu x'jaqsam biss ma Alsous Ltd. Sostna li missieru kien diġà ħallas l-ammont ta' elf u tmien mitt ewro (€1,800) lil Alsous. Dawn tħallsu fi tlett pagamenti ta' sitt mitt ewro (€600) kull wieħed. Ix-xogħol sar ħażin u meta missieru ilmenta

magħhom anke huma stess qablu miegħu li kien hemm xi xogħol li sar ħażin. Huwa sostna li huwa kien ikun preżenti fuq il-post flimkien ma missieru u anke ra lil ħaddiema jagħmlu x-xogħol. Minkejja li l-ħaddiema kienu ippruvaw jirrimedjaw is-sitwazzjoni madanakollu x-xogħol xorta waħda baqa mhux aċċettabli.

**Ikkunsidra**

Fis-sentenza deċiża mil-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Tal-Franċiż Construction Limited u Modern Design Limited vs Angelo Zarb** fil-15 ta' Lulju 2009 ngħad li:

"Il-principji l-iktar bazici f'kaz ta' appalt gew elenkati mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza **Pierre Darmanin vs Moira Agius et** deciza fis-6 ta' Ottubru 2004:

*"(1) Bhala l-ewwel principju huwa dottrinalment u gurisprudenzjalment ricevut illi l-appaltatur ghandu l-obbligu li jezegwixxi x-xoghol lilu kommess fis-sens li huwa ghandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b'mod li l-quddiem juri difetti. "L'imprenditore ha l'obbligo di eseguire bene l'opera commessagli, secondo i dettami dell'arte sua, e deve prestare almeno una capacita` ordinaria" (Kollez Vol XXVII pI p373). Dan fis-sens li hu "ghandu jiggarantixxi l-bonta` tax-xoghol tieghu" (Kollez Vol XL pI p485).*

*(2) "L-appaltatur li jezegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett ta' l-appalt huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-ezekuzzjoni hazina" (Kollez. Vol XXXVII pIII p883). Ghax kif jinsab ritenut ukoll "f'kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmelx ix-xoghol jew ikollu jirrispondi ghad-difetti li jigu l-quddiem" (**Mario Blackman -vs- Carmelo Farrugia et noe", Appell Kummercjali, 27 ta' Marzu 1972).***

***(3)** Dan hu hekk avvolja jkun hemm l-approvazzjoni tax-xoghol (Kollez. Vol XLI pI p667) jew l-appaltatur ikun mexa skond l-ispecifications jew l-istruzzjonijiet lilu moghtija mill-kommittent. "E` dovere dell'appaltatore di resistere ad ordini che egli vedesse pregiudizievoli alla solidita` e contrarii alle buone regole dell'arte" (Kollez Vol XXV pI p727). Kif ahjar imfisser u spjegat, "l-appaltatur hu obbligat u hu dejjem responsabbli li jaghti lill-appaltant opra sodisfacenti, u ma jistghax jallega li x-xoghol sar mhux sewwa ghax hu ghamlu kif ried il-kommittent, billi l-appaltatur hu obbligat jirrezisti ghal kwalunkwe intromissjoni tal-kommittent" (Kollez. Vol XLII pII p1003).*

*(4) Huwa pacifiku ukoll illi l-hlas tal-prezz tal-appalt jew il-hlas akkont ma jfissrux necessarjament approvazzjoni tax-xoghol jekk dan fil-fatt jirrizulta difettuz (Kollez. Vol XLI pII p892).*

*(5) Meta allura jirrizultaw dawn id-difetti, kif certament hu l-kaz in ispecje, l-appaltatur jitqies in kolpa minhabba inadempiment. "Il-kolpa kontrattwali hija dik li tikkonsisti fin-nuqqas ta' l-ezekuzzjoni, jew f'ezekuzzjoni hazina, ta' l-obbligazzjoni rizultanti mill-kuntratt" (Kollez. Vol XXXVIIIpI p292).*

*(6) Effettivament, it-tutela akkordata mil-ligi lill-kommittent tinkwadra ruhha fl-ambitu ta' dik ir-responsabilita` kontrattwali normattiva minhabba inadempiment. Li jfisser li l-kommittent jista' jopta li jagixxi gudizzjarjament jew bl-ezekuzzjoni specifika ta' l-appalt jew bl-azzjoni li twassal ghar-rizoluzzjoni tal-kuntratt (Art 1069 (1) tal-Kodici Civili). Fil-kaz il-wiehed jew l-iehor il-kommittent ikollu d-dritt jirreklama d-danni (Art 1069 (2))."*

Illi fis-sentenza deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta' Mejju 2025, fl-ismijiet **Karen Camilleri vs Emanuel Grech,** ingħad is-segwenti:

*"L-appaltatur li jwettaq ħażin ix-xogħol li jkun imqabbad jagħmel huwa għalhekk tabilħaqq responsabbli għad-danni kollha li jiġu minn dik l-eżekuzzjoni ħażina (ara C&F Building Contractors Limited v. Alfred Baldacchino Limited mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Ġunju, 2024), u għaldaqstant, ġaladarba l-attriċi sejset it-talbiet tagħha għaddanni fuq il-kawżali li l-konvenut ma wettaqx ix-xogħlijiet li qabditu jagħmel skont l-arti u s-sengħa, hija kellha kull jedd fil-liġi li tmexxi kontrih b'talba għad-danni."*

**<u>Ikkunsidra</u>**

It-Tribunal isostni li mill-provi jirriżulta li t-talba tal-attur hija ġustifikata. Mill-provi jirriżulta li l-attur inkariga lill-konvenuta Alsous Limited sabiex tagħmillu x-xogħol tal-madum. Mix-xhieda u mir-rapport tal-Perit Sergio Degabriele jirriżulta li x-xogħol ma sarx skond l-arti u s-sengħa u tant kemm ix-xogħol sar ħażin li kien hemm il-ħtieġa li l-istess xogħol jerġa jsir mill-ġdid. Minkejja li ma pprovdiex irċevuta, madanakollu it-Tribunal jemmen il-verżjoni tal-attur u iben l-attur mogħtija fix-xhieda tagħhom li l-attur kien ħallas lil konvenuta is-somma ta' elf u tmien mitt ewro (€1,800). L-attur saħansitra anke għamel rapport mal-pulizija rigward dan

il-fatt. L-attur ippreżenta kemm prospett u anke irċevuti fiskali li jindikaw b'mod ċar li sabiex reġa sar mill-ġdid ix-xogħol huwa nefaq l-ammont ta' tlett elef, mitejn u ħamsa u tletin ewro u ħdax il-ċenteżmu.

**Decide**

**Għaldaqstant**, it-Tribunal, jaqta' u jiddeċiedi dan il-każ billi jilqa' t-talba ta' l-attur u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta biex tħallas lill-istess attur s-somma ta' ħames t'elef ewro (€5,000).

Stante il-fatt li l-attur fit-talba tiegħu ma talabx li l-konvenuta tkun ikkundannata li tħalsu l-imgħax u lanqas ma talab li l-konvenuta tkun ikkundannata li tħalsu l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, it-Tribunal mhux sejjer jikkundanna lill-istess konvenuta sabiex tħallas l-imgħax jew spejjeż ta' dawn il-proeduri lill-attur għax jekk jagħmel hekk huwa jkun qiegħed jaġixxi extra petita.

**Avv Dr Christopher Chircop**
**Ġudikatur**

**Rosanne Piscopo**
**Deputat Reġistratur**